

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2391

tal-4 ta' Lulju 2016

dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.29769 (2013/C) (l-ex 2013/NN) implimentata minn Spanja għal ċerti klabbs tal-futbol

(notifikata bid-dokument C(2016) 4046)

(Il-verżjoni Spanjola biss hija awtentika)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a),

Wara li stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat ⁽¹⁾ u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. IL-PROCĊEDURA

- (1) F'Novembru 2009, informazzjoni dettaljata li ntbagħtet miċ-ċittadini ġibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni għal trattament preferenzjali possibbli tat-taxxa korporattiva tal-erba' klabbs sportivi Athletic Club Bilbao, Club Atlético Osasuna (Navarra), FC Barcelona u Real Madrid CF meta mqabbla ma' kumpanniji tal-isport b'responsabbiltà limitata. Spanja ntalbet tikkummenta fil-15 ta' Frar, fit-12 ta' April u fit-28 ta' Settembru 2010. Il-kummenti waslu fit-23 ta' Marzu u fil-15 ta' Diċembru 2010.
- (2) Permezz ta' ittra datata t-18 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni infurmat lil Spanja li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-għajnuna ("id-deċiżjoni tal-ftuħ"). Permezz ta' ittra datata s-17 ta' Frar 2014, Spanja pprovdiet kummenti dwar dik id-deċiżjoni. Fis-17 ta' Diċembru 2015, Spanja pprovdiet informazzjoni addizzjonali.
- (3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura (id-deċiżjoni tal-ftuħ) ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-għajnuna/miżura.
- (4) Il-Kummissjoni irċeviet kummenti mingħand partijiet interessati. Bagħtithom lil Spanja, li nġhatat l-opportunità li tirreaġixxi; il-kummenti tagħha waslu permezz ta' ittra datata l-21 ta' Novembru 2014.

⁽¹⁾ ĠU C 69, 7.3.2014, p. 115.

⁽²⁾ Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

2. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-GĦAJNUNA

2.1. IL-MIŻURA

- (5) L-Artikolu 19(1) tal-“ley del deporte” tal-1990 ⁽³⁾ (il-Liġi 10/1990) obbliga lill-klabbs Spanjoli sportivi professjonali kollha (clubes deportivos) biex jinbidlu u jsiru kumpanniji tal-isport b'responsabbiltà limitata (sociedades anónimas deportivas). Il-ġustifikazzjoni għall-miżura kienet li ħafna klabbs kienu ġew ġestiti ħażin minħabba li la l-membri tagħhom u lanqas l-amministraturi tagħhom ma kienu qed jassumu ebda responsabbiltà finanzjarja għal telf ekonomiku. L-għan kien sabiex, permezz tal-kumpanniji ġodda tal-isport b'responsabbiltà limitata, jiġi stabbilit mudell ta' responsabbiltà ekonomika u ġuridika għall-klabbs li jwettqu attivitajiet professjonali, sabiex jiżied iċ-ċans tagħhom għal ġestjoni tajba.
- (6) Is-“Seba' Dispożizzjoni Addizzjonali” (minn hawn 'il quddiem “DA 7a”) tal-Liġi 10/1990 teżenta minn din il-konverżjoni obbligatorja dawk il-klabbs tal-futbol li fl-erba' sa ħames (4-5) snin preċedenti kellhom bilanċ pożittiv. L-eżenzjoni hija, skont il-preambolu tal-liġi, ibbażata fuq il-fatt li dawn il-klabbs urew “ġestjoni korporattiva tajba” u ma jeħtieġux dik il-qalba. Jistgħu jżommu l-istruttura ġuridika attwali tagħhom ta' klabb sakemm l-assemblaġġi tagħhom ma jistipulawx mod ieħor ⁽⁴⁾.
- (7) Irriżulta li l-uniċi klabbs li ssodisfaw din il-kundizzjoni kienu Athletic Club Bilbao, Club Atlético Osasuna (Navarra), FC Barcelona u Real Madrid CF. Il-liġi ma ssemmix espliċitament lil dawn l-erba' klabbs li eventwalment ibbenefikaw minn din l-eżenzjoni b'isimhom. Ma qalbox għal kumpanija tal-isport b'responsabbiltà limitata għalkemm kienu intitolati li jaġhmlu dan.
- (8) It-trattament fiskali ta' klabbs sportivi jvarja mis-sistema fiskali applikabbli għall-kumpanniji tal-isport b'responsabbiltà limitata, li huma soġġetti għar-reġim ġenerali tat-tassazzjoni korporattiva tal-kumpanniji. Klabbs sportivi huma entitajiet mingħajr skop ta' qligħ (*Entidades sin ánimo de lucro*) li bħala tali jikkwalifikaw għal eżenzjoni parzjali mit-taxxa korporattiva skont l-Artikolu 9(3)a tal-Liġi Spanjola dwar it-Taxxa Korporattiva (*Ley del Impuesto sobre Sociedades*). Bħala riżultat ta' din l-eżenzjoni parzjali, l-Artikolu 28(2) tal-Liġi dwar it-Taxxa Korporattiva jipprevedi li l-klabbs eżentati, bħala entitajiet mingħajr skop ta' qligħ, għandhom iħallsu taxxa korporattiva għad-dħul kummerċjali tagħhom b'rata mnaqqsa ta' 25 % minflok bir-rata ġenerali ta' 30 % (li sal-2006 kienet ta' 35 % u ta' 32,5 % fl-2007).
- (9) Il-Liġi Spanjola dwar l-Isport ma tinkludix perjodu ta' żmien għall-possibiltà ta' rivalutazzjoni ta' dan it-trattament speċifiku. Għalhekk, l-erba' timijiet biss li oriġinarjament kienu kkwalifikaw għandhom il-possibiltà li jibbenefikaw minn status fiskalment favorevoli ta' “klabb sportiv”, irrispettivament minn kif tevolvi s-saħħa finanzjarja tat-timijiet l-oħra. Barra minn hekk l-ebda tim kummerċjalment vijabbli ma jista' jerġa' jaqleb lura għal status ta' klabb.
- (10) L-erba' klabbs iwettqu attivitajiet professjonali bi skop ta' qligħ. Pereżempju, waqt l-istaġun 2013/2014, id-dħul ta' Real Madrid CF laħħaq il-EUR 549 miljun u ta' FC Barcelona EUR 484 miljun ⁽⁵⁾. Id-dħul ġie mill-bejgħ tad-drittijiet tax-xandir, minn sponsorizzar, merchandising (bejgħ ta' oġġetti relatati mal-klabb bħal repliki ta' qomos) u liċenzjar, u minn l-hekk imsejjaħ dħul fil-jum tal-partita (bejgħ ta' biljetti jew dħul ieħor iġġenerat fil-grawnd). F'termini ta' dħul iż-żewġ timijiet ilhom diversi snin fil-quċċata tal-klabbs tal-Premier League Ewropew. Athletic Club Bilbao ilu konsistentement jilgħab fl-ewwel liġ Spanjol u jipparteċipa b'mod regolari f'kompetizzjonijiet internazzjonali, bħaċ-Champions League. Club Atlético Osasuna dam jilgħab fl-ewwel liġ sal-istaġun 2012/2013, meta ġie rrelegat għat-tieni liġ (Segunda Division) tal-Liġ Nazzjonali tal-Futbol Professionali, u okkazzjonalment ipparteċipa f'kompetizzjonijiet Ewropej ta' klabbs professjonali.
- (11) Fid-deċizzjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni ddeskriviet li talanqas Real Madrid CF u FC Barcelona kellhom profitti taxxabli fis-snin ta' wara l-2000. Barra minn hekk ir-rapporti annwali ta', pereżempju, Real Madrid CF juru qligħ qabel it-taxxa ta' EUR 25 miljun għall-istaġun 2008/2009, ta' EUR 31 miljun għall-2009/2010, ta' EUR 47 miljun għall-2010/2011, ta' EUR 32 miljun fl-2011/2012 u ta' EUR 47 miljun fl-2012/2013. Dawk iċ-ċifri jissuġġerixxu dħul taxxabli konsiderevoli għall-aħħar snin, talanqas għal Real Madrid CF, fejn rata fiskali differenti ta' 25 % minflok ta' 30 % tista' twassal għal vantaġġ ekonomiku fil-konfront tal-kompetituri tiegħu.

⁽³⁾ Ley 10/1990, de 15 de octubre, del Deporte, BOE de 17 de Octubre de 1990.

⁽⁴⁾ “Dawk il-klabbs, li fiż-żmien li fih għaddiet il-liġi kienu jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet uffiċjali tal-futbol fuq livell professjonali u li fl-eżerċizzji kollha tal-awditjar li saru fuq talba tal-Liġ tal-Football Professionali nstabu li kienu ilhom mill-istaġun tal-1985-1986 b'bilanċ pożittiv tal-ekwità tal-azzjonisti, għandhom iżommu l-istruttura ġuridika attwali tagħhom sakemm l-assemblaġġi tagħhom ma jistipulawx mod ieħor...”

⁽⁵⁾ Sors: Deloitte Football Money League 2015, <http://www2.deloitte.com/content/dam/Deloitte/na/Documents/audit/gx-football-money-league-2015.pdf>.

2.2. IR-RAĠUNIJET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA

- (12) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni ddeterminat li l-klabbs tal-futbol konċernati jikkwalifikaw bħala organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ. Dan ma jeskludix il-kwalifika tagħhom bħala impriżi skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat. L-attivitajiet sportivi professjonali sostnuti huma ta' natura kummerċjali⁽⁶⁾. Dawk l-attivitajiet li jiġġeneraw id-dħul huma ta' natura ekonomika u jsiru f'kompetizzjoni ħarxa mal-klabbs tal-futbol professjonali Ewropej kbar oħra. Is-sorsi tad-dħul huma marbuta mas-suċċess tat-timijiet f'kompetizzjonijiet sportivi. Min-naħa l-oħra, dak is-suċċess jiddependi ferm fuq l-ammont ta' fondi disponibbli għall-klabbs biex jattiraw jew iżommu l-aqwa plejers u kowċis.
- (13) Id-differenzjazzjoni fiskali tista' tiffavorixxi b'mod selettiv lill-erba' klabbs. Għalhekk, fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni kkonkludiet fuq bażi preliminari li l-erba' klabbs sportivi inkwistjoni jgawdu vantaġġ fil-forma ta' rata preferenzjali tat-taxxa li mhijiex ġustifikata min-natura tas-sistema fiskali. Id-differenzjazzjoni fiskali bejniethom u klabbs oħrajn hija effett ikkawżat mil-Liġi 10/1990, li f'favoriet għadd limitat ta' benefiċjarji. Barra minn hekk il-Kummissjoni sabet li dan il-vantaġġ ġej minn riżorsi tal-Istat, peress li l-Istat jirrinunzja għal dħul possibbli mit-taxxa u li l-ghajjnuna lill-klabbs tal-futbol professjonali għandha effett fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (14) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod preliminari li hemm possibbiltà kbira li l-appoġġ finanzjarju mill-Istat li jipprovdi vantaġġ lill-klabbs sportivi professjonali Athletic Club Bilbao, Club Atlético Osasuna (Navarra), FC Barcelona u Real Madrid CF ser ikollu l-potenzjal li jfixxkel il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ. Għalhekk jikkostitwixxi ghajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.
- (15) Il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà tal-ghajjnuna mas-suq intern. Sabet ukoll li ma jidherx li hemm linja gwida dwar kriterji ta' komparabbiltà applikabbli għall-każ attwali. Għalhekk, il-kompatibbiltà għandha tiġi vvalutata direttament skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, li skont dan ghajjnuna tista' titqies kompatibbli mas-suq intern jekk tiffaċilita, fl-interess komuni, l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti oqsma ekonomiċi.
- (16) Il-Kummissjoni kellha dubju kemm jista' jkun hemm oġġettiv ta' interess komuni li jista' jiġġustifika l-appoġġ operattiv selettiv lil atturi b'saħħithom ħafna f'settur ekonomiku ferm kompetittiv. Għaldaqstant, fid-deċiżjoni tal-ftuħ il-Kummissjoni qieset li permezz tal-iskema introdotta bil-Liġi 10/1990, Spanja tagħti ghajjnuna operattiva individwali permezz ta' rata tat-taxxa preferenzjali lil erba' klabbs sportivi Athletic Club Bilbao, Club Atlético Osasuna (Navarra), FC Barcelona u Real Madrid CF li ma tistax tiġi ġustifikata skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat. Il-Kummissjoni stiednet lil Spanja u lill-partijiet interessati biex jagħtu l-kummenti.

3. KUMMENTI MINGĦAND IL-PARTIJET INTERESSATI

- (17) Wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni rċeviet osservazzjonijiet mingħand Real Madrid CF, FC Barcelona, Athletic Club Bilbao, il-Liga Nacional de Fútbol Profesional, mingħand ċittadin u mingħand organizzazzjonijiet li xtaqu li l-identità tagħhom tibqa' kunfidenzjali.

3.1. OSSERVAZZJONIJET ĠENERALI

- (18) Il-Liga Nacional de Fútbol Profesional tirreferi għall-*istatus* speċjali tal-isport skont l-Artikolu 165 tat-Trattat. Issostni li l-Liġi 10/1990 sempliċiment riedet tintroduċi sistema volontarja ta' responsabbiltà soċjali għall-klabbs. Il-Liga ssostni li għalhekk ir-riforma ma kellhiex oġġettiv fiskali. Il-konsegwenzi fiskali huma effett indirett ta' oġġettivi oħra segwiti.
- (19) Athletic Club Bilbao jiġbed l-attenzjoni għall-awtonomija fiskali tat-Territorio Histórico de Bizkaia fil-Pajjiż Bask fir-rigward tat-tassazzjoni korporattiva, li din kienet rikonoxxuta mill-Qorti Ġenerali⁽⁷⁾. Għalhekk il-qafas ta' riferiment territorjali għad-determinazzjoni ta' jekk Athletic Club Bilbao jgawdix minn vantaġġ selettiv huwa

⁽⁶⁾ Il-Kawża C-415/93 *Bosman* ECLI:EU:C:1995:463, il-paragrafu 73, Il-Kawża C-519/04 P *Meca-Medina u Majcen vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2006:492, il-paragrafu 22, u C-325/08 *Olympique Lyonnais* ECLI:EU:C:2010:143, il-paragrafu 23.

⁽⁷⁾ Il-Każijiet Magħquda C-428/06 P sa 434/06 P *HGA Srl* ECLI:EU:C:2008:488.

t-Territorio Histórico de Bizkaia. Għalkemm il-liġi dwar l-isport hija ta' applikazzjoni nazzjonali, ma fihex regoli dwar it-taxxi. Madankollu skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni hija marbuta li tirrispetta l-istrutturi reġjonali u l-awtonomija lokali tal-Istati Membri. Fit-Territorio Histórico de Bizkaia mhu ser ikun hemm l-ebda kumpanija tal-isport b'responsabbiltà limitata. Għalhekk, skont il-klabb, ma jistax ikun hemm xi trattament selettiv ta' entitajiet sportivi f'dak ir-reġjun. Athletic Club Bilbao għandu sempliċiment jitqies bħala soġġett għar-reġim ġenerali tat-taxxa korporattiva applikabbli fit-Territorio Histórico de Bizkaia għall-entitajiet kollha mingħajr skop ta' qligħ.

3.2. DWAR IL-ĠUSTIFIKAZZJONI GĦAL RATI DIFFERENTI TAT-TAXXA KORPORATTIVA

- (20) Il-Liga Nacional de Fútbol Profesional, Real Madrid CF, FC Barcelona u Athletic Club Bilbao jqisu li d-differenzjazzjoni fit-taxxa korporattiva hija ġustifikata min-natura tat-taxxa; għalhekk ma tinvolvi vantaġġ selettiv. Il-klabbs sportivi jiġu intaxxati bl-istess mod u huma soġġetti għall-istess regoli bħal entitajiet oħra mingħajr skop ta' qligħ. Ir-reġim ġenerali applikabbli għal entitajiet mingħajr skop ta' qligħ ma għandux jitqies bħala eċċezzjoni għar-reġim fiskali applikabbli għall-kumpanniji. Fih innifsu dan ikun reġim ġenerali u distint, applikabbli għall-entitajiet Spanjoli kollha mingħajr skop ta' qligħ irrispettivament mis-settur, mid-daqs u mir-reġjun. Is-sistema ġuridika differenti tillimita l-attività ta' assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ fis-suq u trażżan il-kapaċità tagħhom li jiġġeneraw l-istess profitti bħal fil każ ta' kumpaniji bi skop ta' qligħ. Ir-raġuni essenzjali għall-kumpaniji bi skop ta' qligħ biex jagħmlu profitti hija sabiex jiġġeneraw fondi distribwibbli sabiex ikunu jistgħu joffru redditu adegwat fuq l-investment għall-azzjonisti tagħhom.
- (21) Real Madrid CF jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'*Kennemer Golf* ⁽⁸⁾, li fil-paragrafi 26, 31 u 35 tiddikjara li organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ ma għandux ikollha l-għan li tikseb profitti għall-membri tagħha.
- (22) Real Madrid CF u Athletic Club Bilbao jargumentaw li, għalkemm l-insegwiment sistematiku tal-profitti ma jwaqqafx il-kategorizzazzjoni ta' entità bħala organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, dawn il-profitti għandhom jintużaw għall-iskopijiet tal-provvista tas-servizzi tagħha. Jagħmlu enfasi fuq il-fatt li l-profit ta' klabb sportiv ma għandux jitqassam lill-membri tiegħu. Konsegwentement, klabb sportivi u kumpaniji tal-isport b'responsabbiltà limitata mhumix f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika komparabbli. Fi kwalunkwe każ, differenza possibbli fit-tassazzjoni tkun ġustifikata min-natura jew mill-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali Spanjola.
- (23) Skont Real Madrid CF għalhekk ma jkunx biżżejjed li l-oġġettiv li jsiru profitti jintuża bħala bażi referenzjarja komuni. Minflok ir-referenza għandha tkun li jsir profit li jista' jiġi distribwit, xi ħaġa li mhijiex possibbli għall-klabbs. Real Madrid jikkonstata li l-klabbs għandhom l-istess karatteristiċi bħal dawk ta' kooperattivi u jirreferi għall-argumenti esposti fis-sentenza *Paint Graphos* tal-Qorti tal-Ġustizzja ⁽⁹⁾.
- (24) Real Madrid CF, FC Barcelona u l-Liga Nacional de Fútbol Profesional jenfasizzaw li r-reġim ta' responsabbiltà impost fuq il-korp maniġerjali ta' klabb sportivi huwa aktar strett milli għall-kumpaniji tal-isport b'responsabbiltà limitata. Il-bord maniġerjali għandu jipprovi garanzija bankarja li tkopri 15 % tan-nefqa bbaġittjata tal-klabb bħala garanzija fuq kwalunkwe telf iġġenerat matul il-mandat tiegħu. Barra minn hekk, il-membri tal-bord maniġerjali jinżammu għal kollox responsabbli, b'mod illimitat, bl-assi personali preżenti u futuri tagħhom, għal kwalunkwe telf iġġenerat li jaqbeż dan l-ammont garantit. Barra minn hekk, il-klabbs sportivi huma soġġetti għal superviżjoni u kontroll stretti tal-imġiba kummerċjali tagħhom minn korp pubbliku, il-Kunsill Għoli Spanjol għall-Isport ("Consejo Superior de Deportes"), b'mod partikolari fir-rigward ta' self.
- (25) Athletic Club Bilbao u l-Liga Nacional de Fútbol Profesional jargumentaw li l-klabbs ma għandhomx l-istess mezzi li għandhom kumpaniji b'responsabbiltà limitata fir-rigward l-aċċess għas-suq kapitali. B'mod partikolari, ma jistgħux iżidu l-kapital tagħhom billi joħorġu ishma ġodda. Barra minn hekk, ma jkun hemm l-ebda konsolidazzjoni fiskali bejn klabb u l-kumpaniji kkontrollati tiegħu, minħabba li japplikaw rati tat-taxxa differenti. Konsegwentement, il-profitti u t-telf bejn il-klabb u dawn il-kumpaniji ma jistgħux jiġu paċuti, b'kuntrast għall-possibilità għall-kumpaniji b'responsabbiltà limitata biex jikkonsolidaw fiskalment is-sussidjarji kkontrollati tagħhom. FC Barcelona josserva li għalhekk il-klabbs isibu ruħhom f'pożizzjoni manifestament żvantaġġata meta mqabbla mal-bqija tal-Ewropa, fejn l-investituri jistgħu jinnettaw ammonti kbar ta' flus fi klabb sportivi.

⁽⁸⁾ Il-Kawża C-174/00 *Kennemer Golf* ECLI:EU:C:2002:200.

⁽⁹⁾ Il-Każijiet Magħquda C-78/08 sa C-80/08 *Paint Graphos u oħrajn* ECLI:EU:C:2011:550.

- (26) Fir-rigward tal-vantaġġ possibbli li jirriżulta mir-rati ta' tassazzjoni differenti, Real Madrid CF isostni li fih innifsu l-istabbiliment ta' rata ta' taxxa aktar baxxa fuq id-dħul operattiv għall-klabbs, bħala entitajiet mingħajr skop ta' qligħ, ma jistax jikkostitwixxi miżura selettiva aktar favorevoli li tammonta għal għajjnuna mill-Istat. Differenzi sostanzjali bejn ir-reġimi fiskali għat-tassazzjoni korporattiva ta' klabbs u ta' kumpaniji b'responsabbiltà limitata ma jkunux favorevoli għall-klabbs u jikkrontobilanċjaw l-effetti tar-rata tat-taxxa kemxejn aktar baxxa applikata għalihom. Real Madrid CF jirreferi għall-fatt li t-tnaqqis għall-investment mill-ġdid ta' profitt straordinarju jew ta' qligħ kapitali minn fuq trasferimenti ta' ekwità huwa ogħla għall-kumpaniji tal-isport b'responsabbiltà limitata (12 %) milli għall-klabbs sportivi (7 %). Skont iċ-ċirkostanzi, xi kultant dan it-tnaqqis jista' jkun sinifikanti ħafna.
- (27) Real Madrid CF ipprova rapport tat-tassazzjoni dwar il-klabb, fir-rigward tat-Taxxa Korporattiva għall-perjodu bejn Lulju 2000 u t-30 Ġunju 2013, imħejji mill-konsulenti tat-taxxa tiegħu. Dak ir-rapport juri li għal Real Madrid CF, matul il-perjodu kkunsidrat, ir-reġim fiskali tiegħu bħala entità mingħajr skop ta' qligħ kien sinifikament aktar żvantaġġuż milli applikazzjoni kontrofattwali ipotetika tar-reġim ġenerali għall-kumpaniji.
- (28) Real Madrid CF isostni [...] (*).
- (29) Athletic Club Bilbao jissottolinja [...].

3.3. DWAR IL-PREŻENZA TA' GĦAJNUNA ĠDIDA

- (30) Real Madrid CF, FC Barcelona u Athletic Club Bilbao jsostnu li l-allegata għajjnuna, jekk preżenti, trid tiġi kkunsidrata bħala għajjnuna eżistenti. Ir-rata tat-taxxa speċjali għall-organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ ġiet introdotta qabel l-adeżjoni ta' Spanja fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 1986, u minn dakinhar ma nbidlitx sostanzjalment. Il-Liġi 61/1978, tas-27 ta' Diċembru, dwar it-Taxxa Korporattiva ("Ley 61/1978, de 27 de diciembre, del Impuesto sobre Sociedades") ikkontemplat eżenzjoni parzjali u rata ta' taxxa aktar baxxa għad-dħul miksub minn operazzjonijiet ekonomiċi li jsiru minn assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, bħal klabbs tal-futbol.
- (31) FC Barcelona josserva li fiha nnifisha l-Liġi 10/1990 mhijiex sejra toħloq miżura ġdida ta' għajjnuna mill-Istat. Għall-kuntrarju, kienet ser tneħħi ħafna mill-klabbs mis-sistema preferenzjali. Għalhekk wieħed jista' jargumenta li ma introduċiex dan il-vantaġġ għall-erba' klabbs iżda naqqset l-għadd ta' benefiċjarji. Din mhijiex ser tkun għajjnuna ġdida iżda modifika suċċessiva maħsuba biex ikun hemm distorsjoni aktar baxxa tal-kompetizzjoni, meta mqabbla mas-sitwazzjoni preċedenti. Athletic Club Bilbao jargumenta li l-Liġi 10/1990 ma biddlet bl-ebda mod is-sitwazzjoni tal-klabb li sempliċement kompli jkun soġġett għar-reġim tat-taxxa korporattiva għal organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ.

4. KUMMENTI MINN SPANJA

- (32) L-osservazzjonijiet ta' Spanja jinkludu dawk mogħtija mill-gvern provinċjali ta' Bizkaia (Diputación Foral de Bizkaia) fil-Pajjiż Bask u mill-Komunità ta' Navarra (Comunidad Foral de Navarra).
- (33) Spanja tikkonferma li l-Liġi 10/1990 teżiġi li klabbs li jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet professjonali jaqilbu għal kumpaniji tal-isport b'responsabbiltà limitata. Tisottolinja li r-regoli fiskali dwar it-tassazzjoni ta' organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ ma jestendux biss għall-klabbs tal-futbol iżda għall-entitajiet kollha mingħajr skop ta' qligħ. Għal dawn l-entitajiet kollha, il-liġi tipprovi li jridu jħallsu taxxa korporattiva ta' 25 % għall-profitti li jagħmlu fl-insewiment ta' attivitajiet ta' karattru kummerċjali. Għalhekk id-dħul mill-isport professjonali huwa soġġett għal tassazzjoni. B'hekk it-trattament tal-klabbs sportivi jkun miżura ġenerali, applikabbli għall-entitajiet kollha mingħajr skop ta' qligħ.

4.1. IT-TASSAZZJONI DIFFERENTI TA' KLABBS SPORTIVI U TA' KUMPANNIJI TAL-ISPORT B'RESPONSABILITÀ LIMITATA

- (34) Fid-9 ta' Frar 2015, Spanja infurmat lill-Kummissjoni dwar emenda tar-regoli tat-taxxa korporattiva permezz tal-liġi 27/2014 tas-27 ta' Novembru 2014 dwar it-tassazzjoni ta' kumpaniji (del Impuesto sobre Sociedades) ⁽¹⁰⁾ li permezz tagħha r-rata ġenerali tat-taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji ta' 30 % kienet ser titnaqqas għal 28 % għall-2015 u għal 25 % mill-2016 'il quddiem. Dan ifisser li mill-2016 il-kumpaniji tal-isport b'responsabbiltà limitata ser jiġu sottoposti wkoll għal rata tat-taxxa korporattiva ta' 25 %. Skont Spanja, mill-2016 mhux ser jibqa' jkun hemm tassazzjoni differenti bejn klabbs u kumpaniji tal-isport b'responsabbiltà limitata

(*) Informazzjoni kunfidenzjali.

⁽¹⁰⁾ BOE No 288, de 28 de noviembre de 2014, p. 96939.

- (35) Spanja tenfasizza d-differenzjazzjoni tat-taxxa ma twassalx għal vantaġġ għaliex, fil-fatt, il-klabbs ma jħallsux inqas taxxi. Kumpaniji li jiddependu fuq entità mingħajr skop ta' qligħ, li huma soġġetti għal reġim fiskali differenti (eż. minħabba li huma kumpaniji b'responsabbiltà limitata) ma jistgħux jibbenefikaw mir-reġim fiskali applikabbli għall-klabb azzjonarju. Madankollu, kumpaniji b'responsabbiltà limitata jistgħu jikkonsolidaw il-profitti tad-diversi kumpaniji tal-grupp. Spanja tipprova data dwar ir-rata tat-taxxa korporattiva effettivament imħallsa minn entitajiet soġġetti għal tassazzjoni korporattiva bejn l-2008 u l-2011 biex turi li l-vantaġġ mhuwiex daqshekk importanti daqs id-differenza ta' ħames (5) punti perċentwali suġġerit ⁽¹⁾:

Sena ta' tassazzjoni	2008	2009	2010	2011
Entitajiet mingħajr skop ta' qligħ (%)	15,60	15,80	19,60	17,60
Entitajiet soġġetti għar-reġim fiskali ġenerali (%)	18,90	17,80	18,80	18,80

- (36) Spanja, u b'mod partikolari l-gvern provinċjali ta' Bizkaia u tal-Komunità ta' Navarra jirreferu għall-paragrafu 25 tal-avviż dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri relatati mat-tassazzjoni diretta tal-intrapriżi ⁽¹²⁾ skont liema trattament differenti jista' jkun ġustifikat min-natura u mill-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali. Ir-rata tat-taxxa aktar baxxa tkun ġustifikata minħabba li l-klabbs li jibbenefikaw minnha jkunu organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, li ma jagħmlux profitti. Barra minn hekk, din tkun ġustifikata minħabba li l-klabbs, għall-kuntrarju ta' kumpaniji b'responsabbiltà limitata fir-rigward tal-azzjonisti tagħhom, ma għandhom l-għan li jqassmu l-profitti lill-membri tal-klabb.
- (37) Biex issostni dak l-argument, Spanja tirreferi għas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar kooperattivi Taljani ⁽¹³⁾. Fil-paragrafu 61 ta' dik is-sentenza, li tittratta t-tassazzjoni ta' kooperattivi, il-Qorti tiddikjara li fid-dawl tal-karatteristiċi speċjali partikolari għal soċjetajiet kooperattivi, għandu jiġi kkonstatat li, fil-prinċipju, is-soċjetajiet kooperattivi tal-produtturi u tal-ħaddiema ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala li qegħdin f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika paragonabbli ma' dik ta' kumpaniji kummerċjali — sakemm, madankollu, dawn jaġixxu fl-interess ekonomiku tal-membri tagħhom u r-relazzjonijiet tagħhom mal-membri ma jkunux purament kummerċjali iżda personali u individwali, fejn il-membri jkunu involuti b'mod attiv fit-tmexxija tan-negozju u huma intitolati għal distribuzzjoni ekwa tar-riżultati tal-prestazzjoni ekonomika.
- (38) Il-gvern provinċjali ta' Bizkaia jenfasizza d-differenza bejn investituri li jittamaw li jiksbu qligħ minn investiment f'kumpanija u membri ta' klabb li ma għandhomx dan id-dritt. Il-Kummissjoni tkun żbaljata jekk tqis li l-għan ġenerali tat-tassazzjoni korporattiva huwa t-tassazzjoni tal-profitti ta' korporazzjonijiet. Skont il-gvern provinċjali ta' Bizkaia, l-għan ġenerali tat-tassazzjoni ma jkunx biss li jiġu intaxxati l-profitti ta' entità legali iżda anki biex jiġi eżaminat jekk il-profitti humiex qegħdin jergħu jitqassmu fost l-azzjonisti u jekk l-azzjonisti humiex qed jiġu intaxxati wkoll fuq is-sehem tagħhom mill-profitti.
- (39) Spanja tirreferi wkoll għall-inqas possibiltajiet li l-kooperattivi għandhom biex jaċċessaw is-swieq kapitali minħabba li ma jistgħux jorġu ishma kummerċjabbli. Spanja targumenta li, bl-istess mod, il-klabbs ma għandhomx il-mezzi li għandhom kumpaniji b'responsabbiltà limitata fir-rigward l-aċċess għas-suq kapitali. Ma hemmx il-possibiltà ta' injezzjonijiet ta' kapital min-naħa tal-azzjonisti biex jiġi finanzjat it-titjib tal-pożizzjoni kompetittiva tal-klabbs eż. permezz tal-akkwist ta' plejers tal-futbol għaljin. Barra minn hekk hemm limiti fuq kemm dawn jistgħu jiddejni (eż. il-bżonn ta' approvazzjoni mill-Consejo Superior de Deportes). Spanja tirreferi wkoll għar-regoli ta' responsabbiltà finanzjarja personali tal-membri tal-bordijiet ta' klabb sportivi għar-riżultati negattivi li l-klabb jiġġenera, li huma aktar stretti milli għall-manijers f'kumpaniji b'responsabbiltà limitata.
- (40) Fl-aħħar nett Spanja tirreferi għall-fatt li skont l-Artikolu 30 tar-Real Decreto 177/1981 sobre clubs y federaciones deportivas ⁽¹⁴⁾, id-dħul li klabb jagħmel mil-bejgħ tal-infrastrutturi sportivi jew tal-grawnds tiegħu għandu jerġa jiġi investit fil-bini jew fit-titjib ta' oġġetti tal-istess natura.

⁽¹⁾ Sors: Recaudación y estadísticas del sistema tributario español 2001-2011, http://www.minhap.gob.es/Documentacion/Publico/Tributos/Estadisticas/Recaudacion/2011/Analisis_estadistico_recaudacion_2011.pdf.

⁽¹²⁾ ĠU C 384, 10.12.1998, p. 3.

⁽¹³⁾ Il-Każijiet Magħquda C-78/08 sa C-80/08 *Paint Graphos u oħrajn* ECLI:EU:C:2011:550.

⁽¹⁴⁾ BOE No. 39, de 14 de febrero de 1981, p. 3408.

4.2. IL-KWALIFIKA TAL-ALLEGATA GĦAJNUNA BĦALA GĦAJNUNA EŻISTENTI

- (41) Bħal Real Madrid CF u Athletic Club Bilbao, Spanja ssostni li, kieku kellu jkun hemm għajnuna, din għandha titqies bħala eżistenti. Il-Liġi 10/1990 kienet preċeduta bil-liġi 13/1980 General de la Cultura Física y del Deporte. Skont din il-liġi, mal-adeżjoni ta' Spanja fl-1986, il-klabbs tal-futbol kollha kienu entitajiet mingħajr skop ta' qligħ. Mill-1982, dawn il-klabbs kienu, bħal kull entità oħra mingħajr skop ta' qligħ, soġġetti għal taxxa korporattiva baxxa ta' 15 % fuq il-profitti kummerċjali tagħhom. Għalhekk skont l-Artikolu 1(b)(i) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ⁽¹⁵⁾ (Ir-Regolament Proċedurali), kwalunkwe għajnuna, li tinkludi kwalunkwe skema ta' għajnuna u għajnuna individwali li kienet fis-seħħ qabel, u li għadha applikabbli wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat fl-Istat Membru rispettiv, hija għajnuna eżistenti. Il-Liġi 10/1990 sempliċiment tikkonferma l-istatus tal-klabbs, inklużi l-konsegwenzi fiskali tiegħu, għalkemm limitata għal ċerti klabbs li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet. Għalhekk il-vantaġġ fiskali għal daww il-klabbs kien ġie stabbilit qabel l-adeżjoni ta' Spanja fl-1986.

4.3. L-AWTONOMIJA FISKALI TAL-GVERN PROVINĊJALI TA' BIZKAIA U TAL-KOMUNITÀ TA' NAVARRA

- (42) Spanja, u b'mod partikolari l-Komunità ta' Navarra u l-gvern provinċjali ta' Bizkaia jirreferu għall-awtonomija ta' dawn ir-reġjuni fi kwistjonijiet fiskali. Din l-awtonomija tinkludi l-livell tar-rata tat-taxxa korporattiva. Ir-rata ġenerali tat-taxxa korporattiva hija ta' 30 % fil-Komunità ta' Navarra u ta' 28 % fit-Territorio Histórico de Bizkaia. Ir-rata għall-profitt kummerċjali ta' entitajiet mingħajr skop ta' qligħ hija ta' 25 % u ta' 21 % rispettivament.
- (43) Minħabba l-awtonomija fiskali stabbilita fil-konstituzzjoni Spanjola, miżura fiskali ġenerali adottata mill-Komunità ta' Navarra u mill-gvern provinċjali ta' Bizkaia ma tkunx territorjalment selettiva. Fiż-żewġ territorji mhu ser ikun hemm l-ebda kumpanija tal-isport b'responsabbiltà limitata. Għalhekk, mhu ser ikun hemm l-ebda entità oħra tal-isport li tista' tiddikjara li għet trattata inġustament. Il-Kummissjoni għamlet żball minħabba li ma identifikatx il-firxa ġeografika tas-sistema ta' referenza. Għalhekk, jekk il-Kummissjoni teżamina jekk ċertu trattament fiskali huwiex diskriminatorju, is-sistema ta' referenza rilevanti għal reġimi fiskali ta' reġjuni, li fdak ir-rigward huma indipendenti, hija r-reġim reġjonali rispettiv.
- (44) Il-Komunità ta' Navarra tagħti parir li [...].
- (45) Barra minn hekk, il-gvern provinċjali ta' Bizkaia jagħti parir, u jappoġġja l-valutazzjonijiet fiskali tas-servizz tad-dħul intern, li Athletic Club Bilbao [...].

5. VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

5.1. IL-PREŻENZA TA' GĦAJNUNA

- (46) Skont ġurisprudenza stabbilita, biex miżura tiġi klassifikata bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, għandhom ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dik id-dispożizzjoni ⁽¹⁶⁾. Għalhekk huwa stabbilit sew li, biex miżura tiġi klassifikata bħala għajnuna mill-Istat fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni, qabel kollox, għandu jkun hemm intervent mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat; it-tieni, l-intervent għandu jkun tali li jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri; it-tielet, għandu jagħti vantaġġ selettiv lil impriża u, ir-raba', irid iwassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni ⁽¹⁷⁾.

5.1.1. IR-RIŻORSI TAL-ISTAT U L-IMPOTABBILTÀ LILL-ISTAT.

- (47) Permezz ta' rata ta' taxxa aktar baxxa, l-iskema ta' għajnuna introdotta bil-Liġi 10/1990 tippermetti li l-erba' klabbs igawdu minn vantaġġ li ġej minn riżorsi tal-Istat, minħabba li l-Istat jirrinunzja għal dħul fiskali possibbli. Dan il-vantaġġ jirriżulta minn eżenzjoni minn piżijiet ekonomiċi bħal piżijiet tat-taxxa normalment inklużi fil-baġit ta' impriża ⁽¹⁸⁾. Din ir-rata ta' taxxa aktar baxxa tikkostitwixxi riżorsi tal-Istat rinunzjati mill-Istat. Il-miżura hija imputabbli lill-Istat minħabba li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-Liġi 10/1990.

⁽¹⁵⁾ Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

⁽¹⁶⁾ Ara l-Kawża C-399/08 P *Il-Kummissjoni vs Deutsche Post* ECLI:EU:C:2010:481, il-paragrafu 38 u l-ġurisprudenza ċċitata fiha.

⁽¹⁷⁾ Ara l-Kawża C-399/08 P *Il-Kummissjoni vs Deutsche Post* ECLI:EU:C:2010:481, il-paragrafu 39 u l-ġurisprudenza ċċitata fiha.

⁽¹⁸⁾ Il-Kawża C-387/92 *Banco Exterior de España* ECLI:EU:C:1994:100, il-paragrafu 13; Il-Kawża C-156/98 *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2000:467, il-paragrafu 25; Il-Kawża C-6/97 *L-Italja vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:1999:251, il-paragrafu 15; Il-Kawża C-172/03 *Heiser* ECLI:EU:C:2005:130, il-paragrafu 36.

5.1.2. L-EŻISTENZA TA' VANTAĠĠ SELETTIV

- (48) L-Artikolu 107(1) tat-Trattat jeżiġi li jiġi ddeterminat jekk miżura tal-Istat tagħtix vantaġġ selettiv lil impriżi, meta mqabbla ma' impriżi oħra li jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika li hija komparabbli fid-dawl tal-oġġettiv segwit mill-miżura inkwistjoni.

5.1.2.1. **Vantaġġ**

- (49) L-ewwel nett, irid ikun ingħata vantaġġ lil impriża. Skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, klabbs tal-futbol jikkwalifikaw bħala impriżi jekk ikunu involuti f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus tagħhom skont il-liġi nazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement iddefinixxiet l-impriżi bħala entitajiet involuti f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus ġuridiku tagħhom u l-mod kif inhuma ffinanzjati⁽¹⁹⁾. L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat bħala tali ma tiddependix fuq jekk l-entità ġietx imwaqqfa biex tiġġenera profitti. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, anke entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jistgħu joffru oġġetti u servizzi f'suq, u għalhekk jistgħu jikkwalifikaw bħala impriżi⁽²⁰⁾. Għalhekk klabbs sportivi professjonali jikkwalifikaw bħala impriżi kummerċjali u huma soġġetti għad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea inkwantu dawn jeżerċitaw attività ekonomika⁽²¹⁾. Klabbs tal-futbol professjonali jagħmlu profitti ġġenerati minn dħul mill-bejgħ ta' biljetti, minn attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni, mid-drittijiet ta' xandir, minn merchandising, sponsorizzazzjoni, eċċ. u jikkompetu ma' xulxin u ma' entitajiet oħrajn tal-futbol professjonali (li għandhom status ta' kumpanniji tal-isport b'responsabbiltà limitata. Għaldaqstant, l-erba' klabbs ikkonċernati minn din l-investigazzjoni jikkostitwixxu impriżi għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

5.1.2.2. **Selettività**

- (50) Fir-rigward ta' vantaġġ selettiv possibbli fil-forma ta' dħul fiskali mitluf, il-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat sett ta' kriterji għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat⁽²²⁾.
- (51) Kif stabbiliet il-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ, tassazzjoni differenzjali tkun *prima facie* selettiva jekk tikkostitwixxi tluq mis-sistema ta' tassazzjoni ġenerali jew ta' referenza fir-rigward ta' ċerti impriżi. Jeħtieġ li jiġi vvalutat jekk fid-dawl tal-oġġettiv tas-sistema fiskali l-miżura tikkonsistix f'deroga applikabbli għal ċerti impriżi meta mqabbla ma' impriżi oħra li jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika komparabbli. Jekk dak ikun il-każ, jista' jiġi konkluż li l-vantaġġ mogħti mill-miżura hija *prima facie* selettiva. Madankollu, tali miżura xorta tista' tkun ġustifikata mil-loġika u min-natura tas-sistema fiskali.

Selettività *prima facie*

- (52) Għaldaqstant, fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni waqqfet sistema ta' tassazzjoni komuni ta' referenza għall-klabbs sportivi professjonali. Filwaqt li tikkonferma l-opinjoni preliminari tagħha, il-Kummissjoni tqis li r-regola ġenerali hija li dawn l-impriżi ilhom mill-1990 jiġu intaxxati bħala kumpanniji b'responsabbiltà limitata, skont il-liġi fiskali korporattiva. Madankollu, klabbs b'ċerti karatteristiċi marbuta mal-prestazzjoni ekonomika tagħhom fis-sinjori preċedenti jistgħu jibqgħu jiġu intaxxati bħala organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ. De facto, dawn il-kundizzjonijiet kienu sodisfatti minn erba' klabbs tal-futbol professjonali. Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni stabbiliet ukoll li dawn l-erba' klabbs huma f'sitwazzjoni ġuridika u fattwali komparabbli bħal dik ta' kumpanniji oħra tal-isport professjonali fid-dawl tal-oġġettiv tal-iskema fiskali, li huwa li jiġi ġġenerat dħul għall-Istat abbażi tal-profitti tal-kumpannija. Għat-tnejn, il-bażi tat-taxxa hija l-ammont ta' profitt nett ta' impriża fl-aħħar tas-sena fiskali. Il-Kummissjoni tikkonferma l-pożizzjoni preliminari tagħha.
- (53) Permezz ta' deroga mir-rati normali tat-taxxa applikabbli għal entitajiet attivi fl-isport professjonali, id-dħul taxxabli ta' ċerti klabbs tal-futbol professjonali jiġi ntaxxat skont sistema fiskali differenti, b'rata aktar baxxa, minn dik ta' entitajiet oħra bħal dawn. Il-klabbs imsemmija l-ewwel jiġu trattati b'mod differenti minħabba li jgawdu minn rata ta' tassazzjoni mnaqqsa li għaliha mhumix intitolati klabbs inkorporati bħala kumpanniji b'responsabbiltà limitata u għalhekk soġġetti għat-taxxa korporattiva ġenerali. Għaldaqstant, a *prima facie* d-DA 7a tal-Liġi 10/1990 tistabbilixxi vantaġġ selettiv favur ċerti klabbs tal-futbol professjonali.

⁽¹⁹⁾ Il-Każijiet Magħquda C-180/98 sa C-184/98 *Pavlov u Oħrajn* ECLI:EU:C:2000:428, il-paragrafu 74.

⁽²⁰⁾ Il-Każijiet Magħquda 209/78 sa 215/78 u 218/78 *Van Landewyck* ECLI:EU:C:1980:248, il-paragrafu 88; Il-Kawża C-244/94 *FFSA u Oħrajn* ECLI:EU:C:1995:392, il-paragrafu 21; Il-Kawża C-49/07 *MOTOE* ECLI:EU:C:2008:376, il-paragrafi 27 u 28.

⁽²¹⁾ Il-Kawża C-415/93 *Bosman* ECLI:EU:C:1995:463, il-paragrafu 73, Il-Kawża C-519/04 *P Meca-Medina u Majcen vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2006:492, il-paragrafu 22, u C-325/08 *Olympique Lyonnais* ECLI:EU:C:2010:143, il-paragrafu 23.

⁽²²⁾ Aktar reċentement fis-sentenza tat-8 ta' Settembru 2011 fil-Każijiet Magħquda C-78/08 sa C-80/08 *Paint Graphos u oħrajn* ECLI:EU:C:2011:550.

- (54) Il-vantaġġ huwa wkoll *de facto* selettiv peress li l-Liġi 10/1990 iffavoriet għadd limitat ta' beneficiarji. Introduċiet distinzjoni dejjiema msejsa fuq il-prestazzjoni ekonomika tal-klabbs fl-1990, u rriżervat *de facto* għall-erba' klabbs il-possibbiltà li jibqgħu barra mis-sistema ġenerali ta' tassazzjoni korporattiva u taħt ir-rata aktar baxxa ta' tassazzjoni għal organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ. Kieku Spanja qieset li l-entità ġuridika tal-klabb ma kinitx xierqa għal kompetizzjonijiet professjonali, kien ikun loġiku li tbiddel is-sistema għall-klabbs kollha.
- (55) Fir-rigward tar-raġunijiet għaliex il-klabbs tal-futbol professjonali u kumpanniji tal-isport b'responsabbiltà limitata mhumiex fl-istess sitwazzjoni fattwali u ġuridika, allegata minn Spanja, il-Kummissjoni tinnotta li d-differenzi fil-prestazzjoni ekonomika ma jistgħux jiġġustifikaw trattament differenti fir-rigward tal-forma obbligatorja ta' organizzazzjoni jew in-nuqqas ta' għażla f'dak ir-rigward. It-telf mhuwiex intrinsiku għal ċertu tip ta' organizzazzjoni. Għalhekk il-prestazzjoni tan-negozju mhijiex kriterju oġġettiv li jiġġustifika bażijiet differenti ta' tassazzjoni jew l-impożizzjoni ta' ċerti forom ta' inkorporazzjoni għal perjodu indefinit.
- (56) Id-differenzjazzjoni lanqas ma tista' tiġi ġustifikata minn mekkaniżmi aktar stretti ta' kontroll intern li għalihom jirreferu Real Madrid CF u FC Barcelona. Dawn il-kontrolli interni mhumiex rilevanti għal-livell ta' tassazzjoni ta' dawn il-klabbs u minn perspettiva fiskali ma jpoġġux l-entitajiet f'żewġ gruppi mhux komparabbli. Barra minn hekk, din il-ġustifikazzjoni tmur kontra l-ġustifikazzjoni għat-trattament fiskali differenti, kif se jiġi spjegat hawn taħt (premissa 57).

Ġustifikazzjoni permezz tan-natura u l-loġika tas-sistema fiskali

- (57) Dan it-trattament differenti jista', madankollu, jiġi ġustifikat permezz tan-natura u l-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali ⁽²³⁾. Kif innotat il-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ, hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li jkun introduċa tali differenzjazzjoni fl-imposti favur ċerti impriżi attivi fil-futbol professjonali biex juri li hija effettivament ġustifikata minħabba n-natura u l-iskema ġenerali tas-sistema inkwistjoni ⁽²⁴⁾.
- (58) Kif diġà ġie spjegat hawn fuq, differenzi fil-prestazzjoni ekonomika ma jistgħux jiġġustifikaw trattament differenti fir-rigward tal-forma obbligatorja ta' organizzazzjoni li jwassal għal tassazzjoni differenti. Il-prestazzjoni tan-negozju mhijiex kriterju oġġettiv inerenti għal-loġika tat-taxxa.
- (59) Barra minn hekk, kif ġie spjegat fil-premissa 55, id-differenzjazzjoni ma tistax tiġi ġustifikata minn mekkaniżmi aktar stretti ta' kontroll intern li għalihom jirreferu Real Madrid CF u FC Barcelona. Dawn il-kontrolli interni mhumiex rilevanti għal-livell ta' tassazzjoni ta' dawn il-klabbs. Barra minn hekk, din il-ġustifikazzjoni tmur kontra l-ġustifikazzjoni għat-trattament fiskali differenti. Il-ġustifikazzjoni għad-differenzjazzjoni introdotta mil-Liġi 10/1990 kienet il-fatt li ħafna klabbs kienu ġew ġestiti ħażin minħabba li la l-membri tagħhom u lanqas l-amministraturi tagħhom ma kienu assumew ebda responsabbiltà finanzjarja għat-telf ekonomiku. Il-kumpanija ġdida tal-isport b'responsabbiltà limitata għandha tkun mudell ta' responsabbiltà ekonomika u legali għall-klabbs li jwettqu attivitajiet professjonali, sabiex jiżdied iċ-ċans tagħhom għal ġestjoni tajba. Madankollu, jidher li r-regoli allegatament aktar stretti għall-klabbs ineħħu l-bażi għal din il-ġustifikazzjoni. Kieku kien hemm bżonn li ċerti klabbs jkunu soġġetti għal kontrolli aktar stretti, ma kienx ikun bżonn tat-trasformazzjoni obbligatorja f'kumpanija b'responsabbiltà limitata biex jiġi segwit l-għan ta' dik il-liġi.
- (60) B'referenza għas-sentenza *Paint Graphos* tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar it-tassazzjoni ta' kooperattivi, Spanja u diversi partijiet interessati jargumentaw li d-devjazzjoni mir-rata ġenerali tat-taxxa hija ġġustifikata u għalhekk ma tikkonferixxi vantaġġ ⁽²⁵⁾. F'dik is-sentenza, il-Qorti indikat li fid-dawl tal-karatteristiċi speċjali partikolari għal soċjetajiet kooperattivi li għandhom jikkonformaw ma' prinċipji operattivi partikolari, daww l-impriżi ma jistgħux jitqiesu bħala li qegħdin f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika komparabbli ma' dik ta' kumpanniji kummerċjali, sakemm jaġixxu fl-interess ekonomiku tal-membri tagħhom, fejn il-membri jkunu involuti b'mod attiv fit-tmexxija tan-negozju u huma intitolati għal distribuzzjoni ekwa tar-riżultati tal-prestazzjoni ekonomika ⁽²⁶⁾.
- (61) Spanja u l-partijiet interessati jargumentaw li, f'konformità mal-imsemmija sentenza, il-fatt li l-klabbs ma għandhomx iqassmu profitti lill-azzjonisti hija partikolarità rilevanti li tiġġustifika devjazzjoni mir-rata tat-taxxa ġenerali.
- (62) Bl-istess mod, il-gvern provinċjali ta' Bizkaia jsib li differenza bejn investituri li jittamaw li jiksbu qligħ permezz ta' parteċipazzjoni f'kumpanija u membri ta' klabb li ma għandhomx dan id-dritt tiġġustifika tassazzjoni aktar baxxa tal-klabbs. L-għan ġenerali tat-tassazzjoni ma jkunx biss li jiġu intaxxati l-profitti ta' entità ġuridika iżda anke biex jiġi eżaminat jekk il-profitti humiex qegħdin jergħu jitqassmu fost l-azzjonisti u jekk humiex qed jiġu intaxxati wkoll skont il-livell tagħhom.

⁽²³⁾ Ara wkoll il-paragrafu 25 tal-avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri relatati ma' tassazzjoni diretta tan-negozju ĠU C 384, 10.12.1998, p. 3.

⁽²⁴⁾ Il-Kawża T-211/05, *Ir-Repubblika Taljana vs Il-Kummissjoni*, ECLI:UE:T:2009:304, il-paragrafu 125.

⁽²⁵⁾ Il-Każijiet Magħquda C-78/08 sa C-80/08 *Paint Graphos u oħrajn* ECLI:EU:C:2011:550.

⁽²⁶⁾ Il-Każijiet Magħquda C-78/08 sa C-80/08 *Paint Graphos u oħrajn* ECLI:EU:C:2011:550, il-paragrafu 61.

- (63) Madankollu, dawn l-argumenti ma jistgħux jappoġġjaw tassazzjoni aktar baxxa ta' ċerti klabbs tal-futbol professjonali meta mqabbla ma' entitajiet oħra tal-isport professjonali. Il-Kummissjoni tinnota li dawn l-argumenti huma maħsuba biex jiġi propost li l-klabbs tal-futbol mhumix f'sitwazzjoni fattwali jew ġuridika paragunabbli ma' dik ta' kwalunkwe kumpanija oħra b'responsabbiltà limitata iżda pjuttost huma maħsuba biex jispjegaw li d-deroga ta' trattament fiskali ta' ċerti entitajiet tal-isport professjonali hija ġustifikata. Fi kwalunkwe każ, dawk l-erba' klabbs, għalkemm huma entitajiet mingħajr skop ta' qligħ, ifittxu b'mod attiv biex jagħmlu profitt għalihom infushom. Fis-sentenza *Paint Graphos*, il-Qorti ddeċidiet li soċjetajiet kooperattivi ma jistgħux jitqiesu bħala li qegħdin f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika paragunabbli ma' dik ta' kumpaniji kummerċjali minħabba li jaġixxu fl-interess ekonomiku tal-membri tagħhom, fejn b'mod partikulari l-membri huma intitolati għal distribuzzjoni ekwa tar-riżultati tal-prestazzjoni ekonomika. Il-Qorti tirreferi wkoll għall-paragrafu 25 tal-avviż tal-Kummissjoni dwar it-tassazzjoni diretta tan-negozji, li jesprimi l-fehma tal-Kummissjoni li n-natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema fiskali nazzjonali tista' tiġġustifika l-fatt li soċjetajiet kooperattivi li jiddistribwixxu l-profitti kollha tagħhom lill-membri tagħhom ma jiġux intaxxati bħala kooperattivi, sakemm dik it-taxxa tiġi imposta fuq il-membri individwali ⁽²⁷⁾.
- (64) Kif tirrileva Spanja, entitajiet mingħajr skop ta' qligħ, għall-kuntrarju ta' kooperattivi, huma karatterizzati min-nuqqas ta' għan li jqassmu l-profitti lill-membri jew lill-entitajiet li jikkostitwixxuhom. Il-klabbs ma jitħallewx iqassmu l-profitti. Il-klabbs iridu jużaw l-introju għall-oġettivi tal-klabb, li jfisser li jistgħu jużaw dak id-dħul kompletament minflok ma jagħtu parti minnu lill-membri tagħhom.
- (65) Bl-istess mod, il-fatt li l-klabbs huma obbligati jerġġu jinvestu d-dħul li jkunu għamlu mill-bejgħ tal-infrastrutturi sportivi tagħhom jew mill-grawnds fil-bini jew fit-titjib tal-infrastruttura tal-istess natura ma ddgħajjif il-pożizzjoni kompetittiva tagħhom, u lanqas ma jiġġustifika trattament fiskali differenti u aktar favorevoli, fir-rigward ta' entitajiet oħra attivi fl-isport professjonali. Pjuttost iġġieghom itejbu l-faċilitajiet tagħhom.
- (66) Rigward il-fatt li l-klabbs jista' jkollhom inqas possibiltajiet ta' aċċess għas-suq kapitali, in-nuqqas tal-possibiltà li jbiegħu l-ishma fis-suq tal-kapital pereżempju ma jwaqqafx lil dawk l-erba' klabbs minn mezz oħra ta' aċċess għal-likwidità. Fil-każ ta' klabb sportiv professjonali għad baqa' diversi possibiltajiet, bħal self jew merchandising, fejn l-aċċess huwa komparabbli ma' dak ta' kumpaniji oħra. L-allegati inqas possibiltajiet ta' aċċess għas-swieq kapitali fihom infushom ma jiġġustifikawx trattament differenti tal-profitti taxxabbli għal ċerti klabbs tal-futbol. Lanqas ma huwa ssostanzjat jekk dan inaqqas ir-riskji jew jgħollix jew ibaxxix il-possibiltajiet ta' profitti. Jekk l-iżvantaġġi tal-klabbs f'dan ir-rigward huma daqshekk evidenti daqs kemm jgħidu, dejjem għandhom il-possibiltà li jbiddu l-forma korporattiva tagħhom.
- (67) F'dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet l-oħra ppreżentati mill-awtoritajiet Spanjoli u mill-partijiet interessati, dwar l-argument ta' Spanja li ma hemm l-ebda vantaġġ jekk wieħed iqabbel il-kontribuzzjoni effettiva tat-taxxa ta' entitajiet mingħajr skop ta' qligħ, iċ-ċifri prodotti u riprodotti fil-premessa 35 hawn fuq juru li mhux fis-snin kollha iżda fil-biċċa l-kbira tas-snin it-tassazzjoni effettiva ta' klabbs tal-futbol professjonali li ġew intaxxati bħala organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ kienet aktar baxxa minn dik ta' entitajiet komparabbli bis-sistema fiskali ġenerali. Safejn jitqies li entità mingħajr skop ta' qligħ ma tistax tikkonsolida l-profitti tad-diversi kumpaniji li tippossjedi, dan ma jbiddux il-fatt li l-attività prinċipali qiegħda tibbenefika minn rata ta' taxxa aktar baxxa.
- (68) Barra minn hekk Real Madrid CF jirreferi għas-sistema ta' krediti ta' taxxa għal investimenti mill-ġdid. Skont l-Artikolu 42 tal-Liġi Riveduta dwar it-taxxa fuq id-Dħul tal-Kumpaniji, it-tnaqqis għall-investiment mill-ġdid ta' profitt straordinarju jew qligħ kapital minn trasferimenti ta' ekwità huwa ogħla għall-kumpaniji tal-isport b'responsabbiltà limitata, li huma soġġetti għar-rata sħiħa tat-taxxa korporattiva, (12 %) milli għall-klabbs sportivi, li huma soġġetti għal rata ta' taxxa korporattiva ta' 25 %, (7 %). Skont din il-klabb, matul perjodu partikolari, għal Real Madrid CF ir-reġim fiskali bħala entità mingħajr skop ta' qligħ kien aktar ta' żvantaġġ mir-reġim fiskali kontrofattwali għal kumpaniji b'responsabbiltà limitata. Iżda anke kieku dik iċ-ċirkostanza kienet ikkonfermata, dan ma jurix li s-sistema standard ta' krediti tat-taxxa għal investimenti mill-ġdid għall-klabbs hija fil-prinċipju u fuq medda itwal aktar vantaġġuża. Barra minn hekk, il-kreditu ta' taxxa jingħata biss taħt ċerti kundizzjonijiet li ma japplikawx kontinwament.
- (769) Fl-aħħar nett, Spanja tirreferi għal żvantaġġi possibbli għall-klabbs taħt ir-regoli tal-UEFA dwar il-Fair Play Finanzjarju. Iżda dawn huma regoli interni stabbiliti minn organizzazzjoni tal-futbol li l-għan tagħha huwa li tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja raġonevoli ta' entitajiet sportivi u biex jiġi evitat telf kontinwu. Ma jistgħux jiġġustifikaw tassazzjoni differenti tal-profitti mill-Istat. Tabilħaqq, din il-ġustifikazzjoni hija barra mil-loġika u min-natura tas-sistema fiskali ta' referenza u għalhekk ma teskludix l-eżistenza ta' selektività.
- (70) Għalhekk it-tendenza hi li t-tassazzjoni effettiva li minnha bbenefikaw l-erba' klabbs sportivi tkun aktar baxxa meta mqabbla mat-tassazzjoni normali għall-kumpaniji b'responsabbiltà limitata attivi fl-isport professjonali, kif muri miċ-ċifri pprovduti minn Spanja u riprodotti fil-premessa 35, anki jekk wieħed iqis, kif imsemmi minn Real

⁽²⁷⁾ Il-Każijiet Magħquda C-78/08 sa C-80/08 *Paint Graphos u oħrajn* ECLI:EU:C:2011:550, il-paragrafu 71.

Madrid, il-possibilitajiet differenti għall-kumpaniji b'responsabbiltà limitata u għall-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ li jnaqqsu l-investment mill-ġdid ta' profitt straordinarju jew ta' qligħ kapitali minn trasferimenti ta' ekwità f'sena partikolari li fiha jkunu seħħu dawk it-trasferimenti jew l-investimenti mill-ġdid. Għalhekk, il-fatt li t-trattament fiskali applikabbli għal entitajiet mingħajr skop ta' qligħ għie riżervat għall-erba' klabbs, inkluż rata aktar baxxa ta' tassazzjoni milli għal klabbs l-oħra tal-isport professjonali ma huwa fil-loġika ta' ebda sistema fiskali u għandu l-effett ta' vantaġġ fiskali għal ċerti klabbs ⁽²⁸⁾. Il-kummenti ta' Spanja u tal-partijiet interessati ma pprovdewx elementi ta' dritt jew ta' fatt li jstgħu jaffettwaw il-konklużjonijiet preliminari tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ dwar il-preżenza ta' vantaġġ.

- (71) Għaldaqstant, eżenzjonijiet mit-taxxa li huma r-riżultat ta' objettiv li mhuwiex marbut mat-sistema fiskali li minnha jagħmlu parti ma jstgħux jevitaw ir-reqwiżiti skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat ⁽²⁹⁾. Il-miżura tal-Istat hija selettiva peress li hija ta' benefiċċju għal erba' impriżi speċifiċi u tpoġġihom f'sitwazzjoni differenti minn dik tal-klabbs sportivi professjonali l-oħra kollha li huma soġġetti għat-tassazzjoni ta' kumpaniji b'responsabbiltà limitata.

5.1.3. L-EFFETT FUQ IL-KUMMERĊ U D-DISTORSJONI TAL-KOMPETIZZJONI

- (72) Il-vantaġġ għal klabb li jilgħab fl-ogħla liġ nazzjonali jista' barra minn hekk ikollu effett fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Il-klabbs kollha soġġetti għal tassazzjoni applikabbli għal entitajiet mingħajr skop ta' qligħ ikunu, tal-anqas f'xi stadju, fl-ewwel liġ nazzjonali. Il-klabbs attivi fl-ewwel u fit-tieni liġs jikkompetu għal preżenza f'kompetizzjonijiet Ewropej u huma attivi fis-swieq tal-merchandising u tad-drittijiet televiżivi. Id-drittijiet tax-xandir, il-merchandising u l-isponsorjar huma sorsi ta' dħul li għalihom il-klabbs li jkunu fl-ewwel liġ nazzjonali jikkompetu ma' klabbs kemm f'pajjiżhom u barra minn pajjiżhom. Aktar ma l-klabbs ikollhom fondi disponibbli biex jattiraw l-aqwa plejers jew biex iżommuhom, aktar ikun iċ-ċans tagħhom li jirnexxu f'kompetizzjonijiet sportivi, li jipprometti aktar introjtu mill-imsemmija attivitajiet. Barra minn hekk, l-istruttura ta' sjiċda tal-klabbs hija internazzjonali.
- (73) Għalhekk, l-appoġġ finanzjarju mill-Istat li jipprovi vantaġġ lil ċerti klabbs tal-futbol professjonali fil-forma ta' tassazzjoni aktar baxxa milli għal operaturi kompetituri jista' jaffettwa l-kummerċ fl-UE u jfikkil il-kompetizzjoni, minħabba t-tiħ tal-pożizzjoni finanzjarja tagħhom meta mqabbla mal-kompetituri tagħhom fis-suq għall-futbol professjonali bħala riżultat ta' dik l-ghajjnuna ⁽³⁰⁾. Għalhekk, jikkostitwixxi ghajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Din l-ghajjnuna ilha tingħata lill-erba' klabbs fuq bażi annwali mid-dħul fis-seħħ tal-Liġi 10/1990 f'Ottubru 1990 sal-2015. Mhuwiex rilevanti li dak l-effett seta' ma kienx l-għan ewlieni tal-Liġi 10/1990 ⁽³¹⁾.

5.2. L-AWTONOMIJA FISKALI TAL-GVERN PROVINĊJALI TA' BIZKAIA U TAL-KOMUNITÀ TA' NAVARRA

- (74) Athletic Club Bilbao huwa stabbilit fit-Territorio Histórico de Bizkaia, Club Atlético Osasuna f'Navarra. Il-Kummissjoni ma tikkontestax l-awtonomija fiskali tal-gvern provinċjali ta' Bizkaia u tal-Komunità ta' Navarra, inklużi l-prerogattivi tagħhom. Ma tikkontestax l-awtorità tagħhom biex jistabbilixxu r-rata tat-taxxa korporattiva applikabbli fit-territorju tagħhom. Il-Kummissjoni hija konxja ta' dik l-awtonomija anki fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat u d-determinazzjoni ta' selettività ta' miżura. Madankollu, dak li l-Kummissjoni qiegħda teżamina fid-deċiżjoni attwali jirrigwarda l-effetti li l-forom differenti ta' korporazzjoni jista' jkollhom taħt ir-reġim fiskali applikabbli rispettivament, u jekk dan it-trattament, taħt il-kostellazzjoni speċifika, huwiex selettiv, filwaqt li jitqiesu d-differenzi fir-rati tat-taxxa korporattiva f'ċerti territorji.
- (75) Madankollu l-Liġi 10/1990 tapplika fit-territorju sħiħ ta' Spanja u għalhekk jista' anke jkollha effetti ta' trattament differenzjali fir-reġjuni, li jistabbilixxu rata differenti ta' taxa korporattiva, sakemm dik ir-rata tkun differenti għal ċerti klabbs tal-futbol professjonali (organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ) li jkunu f'sitwazzjoni komparabbli

⁽²⁸⁾ Dan ir-raġunament huwa simili għal dak fil-Kawża T-211/05 *L-Italja vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:T:2009:304, il-paragrafi 120 u 121 (ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-458/09 P — *L-Italja vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2011:769, il-paragrafu 60), fejn għie meqjus li vantaġġ fiskali disponibbli biss għal impriżi kkwotati f'suq regolat għal perjodu qasir, filwaqt li l-impriżi l-oħra kollha jiġu esklużi mill-vantaġġi mogħtija minn dik l-iskema minħabba li ma setgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu kkwotati matul il-perjodu kopert mill-iskema ta' ghajjnuna huwa selettiv.

⁽²⁹⁾ Il-Każijiet Magħquda C-78/08 sa C-80/08 *Paint Graphos u oħrajn* ECLI:EU:C:2011:550, il-paragrafu 70.

⁽³⁰⁾ Il-Kawża C-172/03 *Heiser* ECLI:EU:C:2005:130, il-paragrafu 55 Il-Każijiet Magħquda C-71/09 P, C-73/09 P u C-76/09 P *Comitato "Venezia vuole vivere" u oħrajn vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2011:368, il-paragrafu 136. Ara wkoll il-Kawża C-156/98 *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2000:467, il-paragrafu 30, u l-ġurisprudenza ċċitata.

⁽³¹⁾ Il-Każijiet C-241/94 *Franza v Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:1996:353, il-paragrafu 20, C-5/01 *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2002:754, il-paragrafu 45, u C-458/09 P *L-Italja vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2011:769, il-paragrafu 60.

ma' dik ta' klabbs oħra li ma jirċevux dak it-trattament (kumpanniji tal-isport b'responsabbiltà limitata). Fil-fatt, kif ġie deskritt fil-premessa 42 aktar 'il fuq, iż-żewġ reġjuni japplikaw rata differenti ta' taxa korporattiva, għalkemm simili għall-iskema fiskali Spanjola. Mhuwiex konklussiv jekk huwiex b'kombinazzjoni li entità waħda biss tista' tibbenefika mil-Liġi 10/1990 fit-territorji rispettivi tagħhom ⁽³²⁾. Madankollu, il-kwistjoni mhijiex li Athletic Club Bilbao u Club Atlético Osasuna jistgħu jkomplu jibbenefikaw mill-istatus tagħhom bħala entitajiet mingħajr skop ta' qligħ, iżda li dawn igawdu minn rata ta' taxa aktar baxxa minn dik ġeneralment applikabbli għal impriżi oħra li jinsabu f'sitwazzjoni simili.

5.3. IL-KWALIFIKA TAL-GĦAJNUNA BĦALA GĦAJNUNA ĠDIDA

- (76) Fir-rigward tal-proposta magħmula minn Spanja u mill-partijiet interessati li l-għajnuna fil-forma ta' taxa korporattiva aktar baxxa għall-klabbs sportivi tkun għajnuna eżistenti, huwa evidenti, li d-differenzjazzjoni fiskali ġenerali bejn kumpanniji b'responsabbiltà limitata u entitajiet mingħajr skop ta' qligħ tmur lura għal qabel l-adeżjoni ta' Spanja. Kif kien enfazzjat ukoll, din id-differenzjazzjoni bbenefikat lil organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ fis-setturi kollha, irrISPettivament mid-daqs tal-impriża jew il-lokalità tagħha. Spanja spjegat ukoll li mal-adeżjoni ta' Spanja fl-1986, il-klabbs kollha tal-futbol kienu entitajiet mingħajr skop ta' qligħ. Għalhekk il-Kummissjoni ma għandhiex id-dritt titratta l-miżura taħt kunsiderazzjoni bħala għajnuna ġdida.
- (77) Skont l-Artikolu 1(b)(i) tar-Regolament Proċedurali, għajnuna eżistenti tfisser il-miżuri kollha ta' għajnuna li kienu jeżistu qabel id-dħul fis-seħħ, u li għadhom jgħoddu wara d-dħul fis-seħħ tat-TFUE fl-Istati Membri rispettivi. Skont l-Artikolu 1(c) tar-Regolament Proċedurali, il-kunċett ta' għajnuna ġdida ma jirreferix biss għal miżuri ta' għajnuna kompletament ġodda, iżda jinkludi wkoll tibdil fl-għajnuna eżistenti. Għall-finijiet tal-Artikolu 1(c) tar-Regolament Proċedurali, l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ⁽³³⁾ jiddefinixxi bħala tibdil sinifikanti fl-għajnuna eżistenti bħala kull bidla fiha, minbarra l-modifiki ta' natura purament formali jew amministrattiva li ma jistgħux jaffettwaw l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżura tal-għajnuna mas-suq intern. Dan ifisser li tibdil f'għajnuna eżistenti li jista' jaffettwa l-valutazzjoni oriġinali tal-kompatibbiltà tal-iskema mill-Kummissjoni hija meqjusa bħala għajnuna ġdida.
- (78) L-Artikolu 4, il-Paragrafu 2, tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 isemmi l-issikkar tal-kriterji għall-applikazzjoni ta' skema ta' għajnuna bħala eżempju ta' tibdil li jeħtieġ jiġi notifikat. Dak jinkludi wkoll tnaqqis fl-għadd ta' benefiċjarji eliġibbli tal-għajnuna (f'dan il-każ ferm sinifikanti). Għalhekk, irrISPettivament mill-analiżi tar-regoli ta' qabel l-adeżjoni, il-Liġi 10/1990 introduċiet sistema ġdida, li tillimita t-trattament ta' ċerti klabbs tal-futbol bħala entitajiet mingħajr skop ta' qligħ, filwaqt li obbligat lill-klabbs l-oħra tal-isport professjonali biex jaqilbu għas-sistema ġeneralment applikabbli ta' taxa korporattiva.
- (79) Permezz tal-miżura kkontestata, erba' impriżi tpoġġew f'sitwazzjoni li hija aktar vantaġġuża mill-pożizzjoni ta' impriżi li, skont il-liġi, huma soġġetti għar-rati ġenerali tat-taxxa. Il-miżura għalhekk toħloq differenzjazzjoni fis-settur li fih il-klabbs huma attivi u taffettwa l-ekwilibriju kompetittiv f'dak is-settur. Tagħmel l-erba' klabbs privileġġjati komparattivament aktar b'saħħithom, filwaqt li fl-istess ħin iddgħajjef is-sitwazzjoni kompetittiva tal-kompetituri tagħhom. Il-Liġi 10/1990 eskcludiet b'mod ġenerali l-isport professjonali mill-possibbiltà li jopera bħala entità mingħajr skop ta' qligħ iżda ppermettiet lil entitajiet waħdanin attivi fil-futbol professjonali biex jibqgħu fl-ambjent legali aktar vantaġġuż. Din il-modifika introduċiet differenzjazzjoni tat-tassazzjoni fi ħdan settur uniku. Dan jikkostitwixxi diskriminazzjoni bejn l-impriżi ta' dak is-settur li mhijiex ta' natura purament formali jew amministrattiva u tista' taffettwa l-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżura ta' għajnuna mas-suq intern (kif muri fit-taqsimha li jmiss).
- (80) L-aħħar iżda mhux l-inqas, il-Kummissjoni tinnota li l-iskadenza tal-perjodu ta' limitazzjoni stabbilit fl-Artikolu 17 tar-Regolament Proċedurali ma għandhiex l-effett li tikkonverti din l-għajnuna ġdida f'għajnuna eżistenti ⁽³⁴⁾.
- (81) Għalhekk, il-modifika introdotta mil-liġi tal-1990, li naqqset iċ-ċirku ta' benefiċjarji potenzjali u ħolqot sitwazzjoni kompetittiva ġdida fis-suq, għandha titqies bħala għajnuna ġdida.

⁽³²⁾ Il-Kummissjoni tinnota li f'dak il-kuntest jidher li fit-Territorio Histórico de Bizkaia hemm kumpanija tal-isport b'responsabbiltà limitata stabbilita, jiġifieri Basket Bilbao Berri SAD.

⁽³³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal- 21 ta' April 2004 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

⁽³⁴⁾ Il-Kawża C-81/10 P *France Télécom SA vs Il-Kummissjoni Ewropea*, ECLI:UE:C:2011:811, il-paragrafu 73.

5.4. IL-KOMPATIBBILTÀ TAL-GĦAJNUNA

- (82) Għajnuna mill-Istat għandha titqies kompatibbli mas-suq intern jekk taqa' fi ħdan waħda mill-kategoriji elenkati fl-Artikolu 107(2) tat-TFUE ⁽³⁵⁾ u tista' titqies kompatibbli mas-suq intern jekk il-Kummissjoni ssib li taqa' taħt xi waħda mill-kategoriji elenkati fl-Artikolu 107(3) tat-TFUE ⁽³⁶⁾. Madankollu, l-oneru huwa fuq l-Istat Membru li jagħti l-għajnuna sabiex jagħti prova li l-għajnuna mill-Istat mogħtija minnu hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107(2) jew 107(3) tat-TFUE ⁽³⁷⁾.
- (83) La Spanja u lanqas il-benefiċjarji ma sostnew li xi waħda mill-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 107(2) u 107(3) tat-TFUE japplikaw fil-każ attwali.
- (84) Il-Kummissjoni tinnota f'dan ir-rigward li peress li l-għajnuna fil-forma ta' taxxi aktar baxxi tirriżulta fi tnaqqis ta' ħlasijiet li normalment jiġġarrbu mill-klabbs waqt l-operazzjonijiet kummerċjali tagħhom, l-għajnuna għandha titqies bħala għajnuna operattiva. Bħala regola ġenerali, normalment tali għajnuna ma tistax titqies bħala waħda kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat fis-sens li ma tiffaċilitax l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti oqsma ekonomiċi, u l-inċentivi fiskali inkwistjoni lanqas ma huma limitati fiż-żmien, digressivi jew proporzjonati għal dak li huwa meħtieġ sabiex jiġi rimedjat nuqqas ekonomiku speċifiku fl-oqsma kkonċernati.
- (85) Il-promozzjoni tal-isport tista' tkun objettiv ta' interess komuni fis-sens tal-Artikolu 107(3)c tat-Trattat. L-Artikolu 165(1) tat-Trattat isemmi li l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' kwistjonijiet tal-isports. Madankollu, skont il-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu, din għandha ssir bil-ħsieb li tiġi żviluppata d-dimensjoni Ewropea fl-isport, permezz tal-promozzjoni ta' ġustizzja u trasparenza f'kompetizzjonijiet sportivi.
- (86) Spanja u l-partijiet interessati ma ressqu l-ebda argument li seta' jappoġġja l-kompatibbiltà tal-għajnuna skont l-Artikolu 107(3)c tat-Trattat fis-sens deskritt mill-Artikolu 165 tat-Trattat. Huwa ovvju li l-appoġġ ġenerali tal-isport mhuwiex objettiv tal-miżura inkwistjoni, minħabba li l-miżura timmira li tappoġġja biss lill-erba' klabbs sportivi professjonali.
- (87) Għalhekk il-Kummissjoni ma tistax tidentifika objettiv ta' interess komuni li jista' jiġġustifika appoġġ selettiv lil ċerti atturi b'saħħithom f'settur ekonomiku kompetittiv ħafna u jikkontrobilanċja l-potenzjal għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern. Għaldaqstant, l-għajnuna mill-Istat hija inkompatibbli mas-suq intern.

5.5. IRKUPRU

- (88) Skont it-Trattat u l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti, il-Kummissjoni hija kompetenti biex tiddeċiedi jekk l-Istat Membru kkonċernat għandux jabolixxi jew jibdel l-għajnuna meta tkun sabet li din tkun inkompatibbli mas-suq intern ⁽³⁸⁾. Il-Qorti sostniet ukoll b'mod konsistenti li l-obbligu fuq Stat Membru li jannulla għajnuna meqjusa mill-Kummissjoni bħala inkompatibbli mas-suq intern huwa mfassal biex jistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni kif kienet qabel ⁽³⁹⁾. F'dan il-kuntest, il-Qorti stabbiliet li dak l-objettiv jiġi milħuq ladarba l-benefiċjarju jħallas lura l-ammonti mogħtija permezz ta' għajnuna illegali, u b'hekk jitlef il-vantaġġ li hu kellu fis-suq fil-konfront tal-kompetituri tiegħu, u b'hekk terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni ta' qabel il-ħlas tal-għajnuna ⁽⁴⁰⁾.
- (89) F'konformità mal-każistika, l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Proċedurali stabbilixxa li "fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna illegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju [...]."

⁽³⁵⁾ L-eċċezzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 107(2) tat-TFUE jikkonċernaw: (a) għajnuna ta' bixra soċjali mogħtija lil konsumaturi individwali; (b) għajnuna sabiex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkaġunata minn diżastri naturali jew avvenimenti eċċezzjonali; u (c) għajnuna mogħtija lil ċerti żoni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

⁽³⁶⁾ L-eċċezzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 107(3) tat-TFUE jikkonċernaw: (a) għajnuna għall-promozzjoni tal-iżvilupp ta' ċerti żoni; (b) għajnuna għal ċerti proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni jew sabiex tirrimedja għal disturb serju fl-ekonomija tal-Istat Membru; (c) għajnuna sabiex jiġu żviluppatti ċerti attivitajiet jew oqsma ekonomiċi; (d) għajnuna sabiex jiġu promossi l-kultura u l-konservazzjoni tal-wirt storiku; u (e) għajnuna speċifikata minn deċiżjoni tal-Kunsill.

⁽³⁷⁾ Il-Kawża T-68/03 *Olympiaki Aeroporja Ypiresies vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:T:2007:253, il-paragrafu 34.

⁽³⁸⁾ Ara l-Kawża C-70/72 *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* ECLI:UE:C:1973:87, il-paragrafu 13.

⁽³⁹⁾ Ara l-Każijiet *Maġħqda C-278/92 sa C-280/92, Spanja vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:1994:325, il-paragrafu 75.

⁽⁴⁰⁾ Ara l-Kawża C-75/97 *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:1999:311, il-paragrafi 64-65.

- (90) B'hekk, peress li l-iskema ma ġietx notifikata lill-Kummissjoni u li, minħabba fiha, erba' klabbs tal-futbol professjonali ngħataw għajnuna individwali bi ksur tal-Artikolu 108 tat-Trattat, li, għalhekk għandha titqies bħala għajnuna illegali u inkompatibbli, din għandha tiġi rkuprata sabiex terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq qabel ma ngħatat. L-irkupru għandu jkopri ż-żmien minn meta l-benefiċjarju rċieva l-vantaġġ, jiġifieri meta l-għajnuniet tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju, sal-irkupru effettiv, u l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati għandhom jinkludu l-imgħax sal-irkupru effettiv. Id-data li fiha l-għajnuna tkun tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji hija d-data li fiha jkunu ħallsu t-taxxa korporattiva b'rata preferenzjali.
- (91) Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Proċedurali, is-setgħat tal-Kummissjoni biex tirkupra l-għajnuna huma soġġetti għal perjodu ta' limitazzjoni ta' għaxar snin. Skont l-Artikolu 17(2) ta' dak ir-Regolament, il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jibda jiddekorri mill-jum li fiha l-għajnuna tingħata lill-benefiċjarju. Kull azzjoni meħuda mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru, li jaġixxi fuq talba tal-Kummissjoni, fir-rigward tal-għajnuna illegali għandha twaqqaf il-perjodu ta' limitazzjoni. Konsegwentement, il-fattur deċiżiv fid-determinazzjoni tal-bidu tal-perjodu ta' limitazzjoni msemmi fl-Artikolu 17 huwa meta l-għajnuna effettivament ingħatat. Dik id-dispożizzjoni tirreferi għall-għoti ta' għajnuna lil benefiċjarju, u mhux id-data li fiha ġiet adottata skema ta' għajnuna.
- (92) Fil-każ ta' skema li tinvolvi vantaġġi mogħtija fuq bażi perijodika, iż-żmien bejn id-data li fiha jkun ġie adottat att li jikkostitwixxi l-bażi legali tal-għajnuna u d-data li fiha l-impriżi kkonċernati effettivament jingħataw l-għajnuna jista' jkun wieħed konsiderevoli. F'dan il-każ, għall-finijiet tal-kalkolu tal-perjodu ta' limitazzjoni, l-għajnuna għandha tiġi meqjusa bħala li ma ngħatatx lill-benefiċjarju sad-data li fiha l-benefiċjarju jkun effettivament irċevieha. Għalhekk, il-perjodu ta' limitazzjoni jibda jiddekorri kull sena fid-data li fiha hija dovuta t-taxxa korporattiva, għalkemm l-att li jikkostitwixxi l-bażi ġuridika tal-għajnuna ġie adottat fl-1990 ⁽⁴¹⁾.
- (93) Għalhekk l-obbligu ta' Spanja sabiex tirkupra l-għajnuna jkopri l-għaxar snin mill-ewwel darba li l-Kummissjoni talbet lil Spanja għal informazzjoni dwar il-miżura ta' għajnuna. Dan kien fil-15 ta' Frar 2010. Għaldaqstant, l-irkupru tad-differenza fit-taxxa jibda mis-sena fiskali 2000.
- (94) L-ammont tal-għajnuna għall-erba' klabbs tal-futbol jikkonsisti fid-differenza bejn l-ammont tat-taxxa korporattiva li l-klabbs effettivament ħallsu u l-ammont tat-taxxa korporattiva li kienet tkun dovuta, kieku kienu ġew soġġetti għar-regoli dwar it-tassazzjoni korporattiva ta' kumpanniji b'responsabbiltà limitata fsena partikolari.
- (95) Madankollu, il-vantaġġ effettiv għandu jiġi stabbilit billi jitqiesu l-ispeċifitajiet tas-sistema tat-taxxa korporattiva għal entitajiet mingħajr skop ta' qligħ li b'mod ċirkostanzjali, fi snin uniċi, jistgħu jwasslu għal tassazzjoni korporattiva effettivament ogħla milli fix-xenarju kontrofattwali ta' tassazzjoni ta' kumpanija tal-isport b'responsabbiltà limitata. Il-Kummissjoni tieħu nota tal-argumenti mressqa minn Real Madrid CF [...]. Madankollu l-Kummissjoni tfakkar li l-ammont eżatt tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata għandu jiġu vvalutat fuq bażi ta' każ b'każ waqt il-proċedimenti ta' rkupru li se jsiru mill-awtoritajiet Spanjoli f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni.
- (96) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li skont il-każistika *Unicredito*, għajnuna soġġetta għal irkupru ma għandhiex tqis elementi ipotetiċi bħall-għażliet, ħafna drabi numerużi, li setgħu saru mill-benefiċjarji, peress li l-għażliet li effettivament saru bl-għajnuna jistgħu jkunu irriversibbli ⁽⁴²⁾.

6. KONKLUŻJONI

- (97) Il-Kummissjoni ssib li permezz tal-Liġi 10/1990 Spanja b'mod illegali introduċiet għajnuna fil-forma ta' privileġġ fuq it-taxxa korporattiva għal Athletic Club Bilbao, Club Atlético Osasuna, FC Barcelona u Real Madrid CF bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (98) Dik l-għajnuna hija inkompatibbli mas-suq intern. Għaldaqstant, Spanja se jkollha ttemm dan it-trattament selettiv tal-erba' klabbs u tirkupra mingħandhom id-differenza bejn it-taxxa korporattiva li effettivament ħallsu u t-taxxa korporattiva li għaliha kienu jkunu soġġetti, kieku kellhom il-forma ġuridika ta' kumpanija tal-isport b'responsabbiltà limitata, mis-sena fiskali 2000,

⁽⁴¹⁾ Il-Kawża C-81/10 P *France Télécom SA vs Il-Kummissjoni Ewropea*, ECLI:UE:C:2011:811, il-paragrafi 80 sa 85.

⁽⁴²⁾ Il-Kawża C-148/04, *Unicredito* ECLI:EU:C:2005:774, il-paragrafi 118, 119.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Minħabba li rriżervat id-dritt li r-rata preferenzjali tat-taxxa korporattiva applikabbli għal organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ titgawda minn ċerti klabbs tal-futbol professjonali, is-Seba' Dispożizzjoni Addizzjonali tal-Liġi 10/1990, tal-15 ta' Ottubru, dwar l-Ispport, tikkostitwixxi għajna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea favur dawk il-klabbs tal-futbol, notevolment Athletic Club Bilbao, Club Atlético Osasuna, FC Barcelona u Real Madrid CF. Din l-għajna għet implimentata illegalment mir-Renju ta' Spanja bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u hija inkompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 2

Għajna individwali mogħtija taħt l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 ma tikkostitwixxi għajna jekk, fiż-żmien li tingħata, tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament adottat skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 ⁽⁴³⁾ li kien applikabbli fi żmien li fih ingħatat l-għajna.

Artikolu 3

Għajna individwali mogħtija taħt l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 li, fiż-żmien li tingħata, tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti minn Regolament adottat skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2015/1588 jew minn kwalunkwe skema ta' għajna oħra approvata hija kompatibbli mas-suq intern, sal-intensitajiet massimi tal-għajna applikabbli għal dik it-tip ta' għajna.

Artikolu 4

1. Ir-Renju ta' Spanja jrid jirkupra l-għajna inkompatibbli mogħtija skont l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 mill-benefiċjarji.
2. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati għandhom iġorru mgħax mid-data li fiha tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji sal-irkupru effettiv tagħhom.
3. L-imgħax għandu jiġi kkalkulat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 u skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 ⁽⁴⁴⁾ li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004.
4. Ir-Renju ta' Spanja għandu jwaqqaf l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 b'effett mid-data tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni.

Artikolu 5

1. L-irkupru tal-għajna mogħtija taħt l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 irid isir minnufih u b'mod effettiv.
2. Ir-Renju ta' Spanja jrid jiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur mid-data li fiha tiġi notifikata din id-Deċiżjoni.

Artikolu 6

1. Fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni, Ir-Renju ta' Spanja għandu jippreżenta l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) l-ammont totali ta' għajna li jkun irċieva mingħand kull benefiċjarju msemmi fl-Artikolu 1;
 - (b) l-ammont totali (l-imgħax prinċipali u fuq l-irkupru) li jrid jiġi rkuprat mingħand kull benefiċjarju;

⁽⁴³⁾ Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajna mill-Istat orizzontali (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 1).

⁽⁴⁴⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 794/2004 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jipprekrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 82, 25.3.2008, p. 1).

- (c) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà ttehd u ta' dawk ippjanati biex jikkonforma ma' din id-Deċiżjoni;
- (d) dokumenti li juru li l-benefiċjarji ġew ordnati jħallsu lura l-għajnuna.

2. Ir-Renju ta' Spanja għandu jżomm lill-Kummissjoni informata bil-progress tal-miżuri nazzjonali li ttehd sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni sakemm jiġi finalizzat l-irkupru tal-għajnuna mogħtija bl-iskema msemija fl-Artikolu 1. Għandu jippreżenta minnufih, b'sempliċi talba tal-Kummissjoni, informazzjoni dwar il-miżuri li jkun diġà ħa u dawk ippjanati biex jikkonforma ma' din id-Deċiżjoni. Għandu jipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti tal-għajnuna u l-imgħax rekuperabbli li diġà ġew irkuprati mingħand il-benefiċjarji.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2016.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni
